MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2015

Numru. 1297/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT VELLA**

**VS**

**RYAN CAMENZULI**
**(ID Nru. 130885M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 1297/2014

Illum, 19 ta` Frar, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ryan Camenzuli, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 130885M.

**Akkuzat talli:**

1. Nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta` Dicembru, 2014, ghal habta tal-hdax u ghoxrin (11:20hrs) ta` filghaxija gewwa Ta` Qali, limiti ta` H'Attard, ikkommetta serq ta` *fuel* minn diversi *containers* ghad-dannu ta` Etienne-Pierre Mallia u jew ta` persuna jew persuni ohra u tal-kumpanija maghrufa bhala **Farenheit** liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` ghamel hsara fuq zewg *containers* ghad-dannu ta` Etienne-Pierre Mallia u jew ta` persuna jew persuni ohra u tal-kumpanija maghrufa bhala **Farenheit**, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin Ewro (€250);

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta b'sentenza moghtija lilu fit-tielet (3) ta` Ottubru, 2014, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. N. Galea Sciberras, LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioe` mill-Magistrat Dr. D. Clarke, LL.D. fid-digriet taghha datat l-ghaxra (10) ta` Lulju, 2011, li bih l-imputat inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom depozitu ta` mitejn ewro (€200), garanzija personali ta` tlett elef ewro (€3,000) u kif ukoll ma jikkommettix reat waqt li jkun fuq liberta provizorja;

5. Talli xjentement f'dawn l-ahhar granet laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.

Il-Qorti giet gentiment mitluba li f'kaz ta` htija tqis lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta wara li kien misjub hati ta` diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll illi f'kaz ta` htija tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* fosthom tal-vettura Nissan bin-numru ta` registrazzjoni HBN-758.

Fl-ahharnett, il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat addebitat, tirrevoka *contrario imperio* d-digrieti tal-helsien mill-arrest datat l-ewwel (1) ta` Lulju, 2014, u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi Ryan Camenzuli. Kif ukoll, li tordna li s-somma ta` mitejn ewro (€200) depozitanti taht l-awtorita` tal-Qorti u tlett elef ewro (€3,000) bhala garanzija personali, li gew impost fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-Arrest jghaddu favur il-Gvern ta` Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 23, 49, 50, 261 (b) (f) (g), 263, 264, 265, 269, 270, 271, 80, 180, 480, 580, 980, 280, 281, 284, 285, 289, 325 (1) (c), 334, 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446.

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni ma thalli l-ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Dina l-Qorti tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta` prigunerija effettiva ghal zmien hmistax (15)-il xahar mil-llum li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa dam taht arrest in konnessjoni ma` dan il-kaz.

Il-Qorti qiedgha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-konfiska tal-*corpus delicti* illi principalment hija l-vettura Nissan bin-numru ta` registrazzjoni ABN 758.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**DR. CAROL PERALTA, MA (Human Rights & Democ.), LL.D., MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------